## Il-V Stazzjon – Ġesù Rxuxtat Jingħaraf mill-Qsim tal-Ħobż

## (poeżija ta' Marisa Abela)

Mexa magħhom, qagħad jgħallimhom
Minn Ġerusalemm sad-dar
Hekk kif waslu, stednuh jidħol
Għax il-ħin kien diġà sar.



Qalu t-talba, il-ħobż qasam
Minnufih għarfu 'l Mulej
Hu kien għab, iżd' huma ferħu
Qam tassew, Kristu l-Feddej!

Qamu jiġru, marru lura
Lill-Appostli taw l-aħbar
Li Gesù kien vera rxoxta!
Illi għaġeb kbir kien sar!

## Il-Mulej Irxuxtat Jintgħaraf fil-Qsim tal-Ħobż (Luqa 24: 28 – 35).

*Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Mbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.*